**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar il-Gimgha 19 ta' April, 2002

**Numru 22**

**Avviz. numru 417/02JR**

**Hal Mann Limited**

**vs**

**Michael Zammit Tabona bhala President, l-Avukat Dottor Seigfred Borg Cole bhala Segretarju u Brian Farrugia bhala Tezorier, ghan-nom u in rappresentanza tan-Naxxar Lions Football Club**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz ipprezentat mill-atturi fl-20 ta' Frar, 2002 fejn intalab il-hlas ta' seba' mija u sittin lira Maltija u hamsa u tletin centezmu (Lm760.35), u fejn intqal:**

**Illi s-socjeta` attrici hija kreditrici fil-konfront tal-konvenut ghan-nom u inrapprezentanza tan-Naxxar Lions Football Club, fl-ammont ta' seba' mija u sittin lira Maltija u hamsa u tletin centezmu (Lm760.35), bilanc minn somma akbar, rapprezentanti l-valur ta' *supply and laying* ta' tarag ta' l-irham fil-fond tan-Naxxar Lions Football Club, Victory Square, Naxxar, provdut u esegwit mis-socjeta` attrici lill-konvenuti ghan-nom u in rappresentanza tan-Naxxar Lions Football Club, fuq inkarigu taghhom stess ai termini ta' kuntratt t'appalt datat 20 t'April, 1999. (Dok.A u Dok.B).**

**Illi nonostante diversi interpellazzjonijiet ghall-hlas, inkluza ittra ufficjali datata 24 t'Awissu, 2001, il-konvenuti ghan-nom u in rappresentanza tan-Naxxar Lions Football Club baqghu inadempjenti u ma hallsux is-somma dovuta lis-socjeta` attrici;**

**Talbu ghalhekk lit-tribunal ghar-ragunijiet premessi:**

1. **Jikkundanna lill-atturi ghan-nom u in rappresentanza tan-Naxxar Lions Football Club, ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' seba' mija u sittin lira Maltija u hamsa u tletin centezmu (Lm760.35), bilanc minn somma akbar, rapprezentanti l-valur ta' *supply and laying* ta' tarag ta' l-irham fil-fond tan-Naxxar Lions Football Club, Victory Square, Naxxar, provdut u esegwit mis-socjeta` attrici lill-konvenuti ghan-nom u in rappresentanza tan-Naxxar Lions Football Club, fuq**

**inkarigu taghhom stess ai termini ta' kuntratt t'appalt datat 20 t'April, 1999.**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 24 t'Awissu, 2001, u bl-imghax legali dekorribbli mill-4 ta' Gunju, 1999 sad-data ta' l-effettiv pagament, kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenuti baqghu ma pprezentaw risposta u lanqas ma dehru.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Gabriella Vela ghas-socjeta` attrici li kkonfermat li l-ammont mitlub ghadu kollu dovut.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti fil-kwalitajiet taghhom premessi jhallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' seba' mija u sittin lira Maltija u hamsa u tletin centezmu (Lm760.35) bl-imghaxijiet legali mill-4 ta' Gunju, 1999 sad-data ta' l-effettiv pagament.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 24 t'Awissu, 2001, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti nomine skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**Gudikatur**